# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 205/2020: **LUCA CARMELO SCIUTO (KI. 183159A) V. NO DEPOSIT CARS MALTA LIMITED (C85780)**

(ESPRESSJONIJIET PROJBITI JEW INĠUSTI TAĦT L-ART. 44(2) U/JEW L-ART. 45 TAL-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR - KAP. 378 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA – DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/13 KEE TAL-5 TA' APRIL 1993 DWAR KLAWŻOLI INĠUSTI F'KUNTRATTI MAL-KONSUMATUR)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Luca Carmelo Sciuto ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2020[1] li permezz tiegħu talab lil No Deposit Cars Malta Limited ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata:

Prevja kull dikjarazzjoni opportuna skont il-ligi, inkluz izda mhux limitat illi:

a) il-kuntratt ta' *hire and purchase* milhuq bejn il-partijiet premessi datat 17 ta' Awissu 2020 jikkontjeni espressjonijiet projbiti ai termini tal-Artikolu 44 u espressjonijiet mhux gusti ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta; u
b) li l-kuntratt ma jistax jibqa jezisti minghajr dawn l-espressjonijiet ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta.
Joghgobobha (1)tikkundanna lis-socjeta intimata tersaq ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' hire and purchase hawn anness ma' dan l-avviz bhala Dokument A u (2) tordna lis-socjeta intimata sabiex tirrifondi kwalunkwe flejjes mghoddija lilha mir-rikorrent ai termini tal-isess kuntratt.

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fid-9 ta' Diċembru 2020[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

---

[1] Fol 1-12
[2] Fol 16

1. Illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;

2. Illi l-ewwel u qabel kollox l-attur irid iġib prova illi l-ftehim ta' "hire and purchase" imsemmi minnu fl-avviż tat-talba mhux ġie "milħuq" iżda ġie konkluż bil-formalitajiet kollha meħtieġa mil-liġi u jekk dan ma jiġix debitament ippruvat allura t-talbiet ta' l-attur ma jistgħu qatt jirnexxu u għandhom jiġu miċħuda;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi l-imsemmi kuntratt jikkontjeni espressjonijiet projbiti ai termini ta' l-artikolu 44 u espressjonijiet mhux ġusti ai termini ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas huwa minnu illi l-kuntratt ma jistax jibqa' jeżisti mingħajr xi espressjonijiet liema espressjonijiet l-attur lanqas biss jgħid jew jispeċifika liema huma;

5. Illi sussidjarjament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal dak kollu hawn fuq espost, il-ftehim ta' "hire and purchase" imsemi mill-attur fl-avviż jista' jibqa' jeżisti anke jekk *gratia argomenti* jinstab illi hemm xi espressjonijiet kif jilmenta l-attur;

6. Illi dina l-kawża ma hija xejn ħlief waħda minn serje ta' proċeduri frott ripensament ta' l-attur illi jonora l-obbligi tiegħu assunti minnu fil-konfront tal-kumpannija esponenti u dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tintuża sabiex huwa jinħall minn tali obbligi;

7. Salv tweġibiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Manuel Galea[3],
- tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. William Cuschieri[4],

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Provi

1. Skond ir-rikorrent[5] **<u>Luca Carmelo Sciuto</u>** huwa żar is-*showroom* tal-intimata nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu 2020 fejn ltaqa' ma' Noel Darmanin u spjegalu li ried vettura ekonomika u mhux kbira għal prezz ta' bejn € 9,000 u € 9,500. Dan issuġġerilu l-

[3] Fol 65-79
[4] Fol 82-96
[5] Affidavit a fol 40-41

vettura Nissan Micra (magħrufha ukoll bħala March) u spjegalu l-modalita' tal-pagamenti. Ma jidhirx li kien hemm diżgwid la fuq il-prezz u lanqas fuq kif dan kellu jitħallas. Kien hemm xi affarijiet żgħar li l-partijiet qablu li kellhom jitranġaw ossia r-roti, ir-radju u l-*odometer.* Madanakollu r-rikorrent spjega illi l-akbar premura li għamel lis-Sur Darmanin kienet illi l-vettura kellu bżonnha malajr kemm jista' jkun peress illi kien għadu kemm biegħ li kellu dakinhar stess filgħodu. Skond ir-rikorrent, Darmanin wegħdu illi l-vettura tkun lesta sa' nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu 2020 jew l-aktar tard sa' nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2020. Ir-rikorrent qal ukoll illi huwa nfurma lil Darmanin li huwa kien lest jixtri l-vettura biss taħt garanzija u li l-istess Darmanin qallu illi din ma kienetx problema. Ir-rikorrent ġie infurmat sabiex imur Burmarrad sabiex jiffirma l-kuntratt u jħallas id-depożitu.

2. Filfatt fl-istess ġurnata r-rikorrent xtara u akkwista mingħand il-kumpanija intimata il-vettura tal-għamla Nissan March permezz ta' kuntratt ta' *hire-purchase*[6]. Dan l-akkwist sar versu l-prezz ta' disat elef u sitt mitt euro (€9,600[7]) li kellhom jitħallsu f'pagamenti mensili ta' mija u sittin euro (€160). Apparti dan il-ftehim ir-rikorrent ffirma sittin (60) kambjala ta' mija u sittin euro (€ 160) 'l wieħed sabiex jiġu onorati menswalment.

3. Mal-kuntratt stess ir-rikorrent ħallas l-ammont ta' elf u għoxrin euro (€ 1,020) rappreżentanti:

    1. € 200 bħala depożitu
    2. € 180 għal liċenzja tal-vettura
    3. € 380 għall-assigurazzjoni
    4. € 160 bħala l-ewwel pagament
    5. € 100 għall-pjanċi tar-reġistrazzjoni[8]

4. Ir-rikorrent, li huwa Taljan, qal illi ħadd ma spjegalu xejn dwar il-kuntratt u li qalulu biss li kellu jiffirma u wieġbuh għal xi domandi li kellu dwar meta kienu ser ituh il-vettura. Qal ukoll illi ħadd ma spjegalu x'kienu jfissru l-kambjali u x'jiġri jekk ma jħallashomx. Pero' meta mar lura d-dar u qara l-kuntratt induna b'ħafna affarijiet li ma kienux f'lokhom jew li ma kienux ġew spjegati lilu bħal per eżempju li l-vettura kienet bla garanzija, li setgħu ituhilu meta jridu huma, li ma kien ħallas l-ebda depożitu, li l-prezz kien differenti minn dak miftiehem, li l-karozza kienet ġie spezzjonata minn mekkanik (li ma kienx il-każ) u li kienet preċedentement involuta f'inċident (xi ħaġa li ħadd ma kien qallu). Meta mar sabiex jiġbor il-vettura l-Ġimgħa

[6] Fol 2-12
[7] Għalkemm irid jingħad illi band' oħra fil-kuntratt hemm imniżżel l-ammont ta' € 9,800 bħala l-prezz tal-vettura
[8] Fol 10-12

21 ta' Awwissu 2020, qalulu li din ma kienetx lesta u li kellu jmur it-Tnejn ta' wara. It-Tnejn huwa ċempel u meta ma ħax is-sodisfazzjon mar fis-*showroom* tal-intimata fejn ġie infurmat illi Transport Malta ma laħqietx irreġistrat il-vettura. Kien għalhekk illi huwa nfurma lid-diriġenti tal-intimata illi ma kienx ser jieħu l-vettura jekk ma kienux ser ituhilu immedjatament. Dawn però qalulu illi ma setax jagħmel hekk darba kien iffirma l-kuntratt. Huwa mar jieħu parir legali u nhar l-Erbgħa 26 t' Awwissu 2020 filwaqt li kien għand l-avukat li kien laħaq kitiblu ittra, rċieva telefonata mingħand l-intimata li l-vettura kienet lesta u li kellu jmur jiffirma kuntratt ieħor ġewwa Burmarrad. Huwa telaq mingħand l-avukat bl-ittra u mar l-uffiċċju tal-intimata fejn sab li l-karozza kienet għadha mhux lesta u *di piu* kellha xi grif fuq il-*bumper.* Huwa ta l-ittra legali lid-diriġent tal-intimata u telaq 'l barra iżda mhux qabel ma dan infurmah li kienu ser jiltaqgħu l-Qorti. Fl-ittra in kwistjoni, datata 25 ta' Awwissu 2020, l-avukat tar-rikorrent informa lill-intimata illi r-rikorrent ried jirrexindi l-kuntratt kemm minħabba li din ma kienetx ġiet ikkonsenjata lilu u kemm għaliex il-kuntratt huwa illegali u null[9].

5. In kontroeżami r-rikorrent **<u>Luca Carmelo Sciuto</u>** fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 xehed *inter alia* illi xi ġurnata jew tnejn wara li ta l-ittra legali lid-diriġent tal-intimata huwa xtara l-karozza li kellu bżonn biex taqdih, mingħand il-ġar tiegħu stess. Stqarr illi kien żbalja li ma qarax il-kuntratt qabel ma ffirmah iżda tenna illi wara skopra illi dak li ftehmu fuqu ma kienx imniżżel u li dak li kien imniżżel ma kienx ġie mgħarraf bih. Qal ukoll illi f'ħajtu qatt ma kien sema' bil-kambjali u li qatt m'għamel użu minnhom.

6. Is-*salesman* tal-intimata **<u>Noel Darmanin</u>** xehed fl-affidavit tiegħu[10] illi meta ġie fis-*showroom* ir-rikorrent huwa kien urieħ il-vettura in kwistjoni peress li kien jidher li tissodisfa dak li xtaq hu. Hu offrihielu għall-prezz ta' €9,800 u qallu bil-modalita' tal-pagamenti u bil-fatt li ried jiffirma l-kambjali. Meta r-rikorrent saqsieh kemm seta' jeħodha malajr il-vettura, Darmanin qallu illi l-proċess sabiex isir ix-xogħol mixtieq fuq il-vettura, l-VRT, tiġi reġistrata, assikurata u jitwaħħlula l-pjanċi jieħu madwar 14-il ġurnata u dan anke minħabba l-fatt illi kienu fil-perjodu tal-vaganzi ta' Santa Marija. Qallu illi ser jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jtuh il-vettura malajr kemm jista' jkun però ma wegħduh xejn f'dan ir-rigward. Spjega illi l-ftehim ġie ffirmat u lejn l-aħħar tal-ġimgħa r-rikorrent reġa' mar is-*showroom* sabiex jara jekk il-karozza kienetx lesta. Ix-xhud fakkru illi kien hemm proċess x'jitlesta u allura qallu sabiex iċempel it-Tnejn ta' wara. It-Tnejn reġa mar is-*showroom* u hemmhekk ir-rikorrent beda jhedded li jekk ma jtuhx il-vettura dakinhar, ma kienx ser jeħodha. Ix-xhud però fakkru li hu kien għadu kemm daħal f'kuntratt u li ma setax joħroġ minnu b'kapriċċ. Meta l-Erbgħa 26

---

[9] Fol 42
[10] Fol 53-54

ta' Awwissu 2022 ċempel lir-rikorrent sabiex jinfurmah li l-vettura kienet lesta, dan mar is-*showroom* u beda jdurha sabiex jipprova isibilha xi difetti. Filfatt beda jinsisti li kellha xi grif fil-*bumper*. Pero x-xhud spjegalu illi l-vettura kienet l-istess waħda u li ma kellha l-ebda grif ġdid minn meta kien raħa l-ġimgħa ta' qabel. Ir-rikorrent finalment qallu li mhu ser jieħu xejn, taħ envelop b'ittra legali datata l-ġurnata ta' qabel u telaq 'il barra.

7. In kontroeżami fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022[11] l-istess **Noel Darmanin** xehed fost oħrajn illi ma jiftakarx jekk il-vettura kienetx ittieħdet għal *test drive* qabel ma sar il-ftehim. Ikkonferma illi ma kien hemm l-ebda *mechanic* involut fit-trattattivi, li ma jiftakarx kemm kien il-prezz oriġinali tagħha u li ma kienx wiegħed lir-rikorrent li l-karozza seta' jiġborha dik il-ġimgħa stess.

8. Id-direttur tal-intimata, **Thorne Mangion**, iddikjara fl-affidavit tiegħu[12] illi l-prezz miftiehem tal-vettura kien ta' € 9,800. Stqarr illi nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu 2020 kien hu personalment li pprepara l-ftehim, ta kopja lir-rikorrent u kif jagħmel is-soltu, spjegah lill-klijent. Miegħu kellu ukoll lil Luke Milton u kull meta r-rikorrent talab spjegazzjonijiet ulterjuri, hu u Milton pruvaw ifehmuh anke bil-lingwa Taljana. Spjega illi meta waslu f'*Section 5* tal-ftehim rigward il-kunsinna tal-vettura huwa spjegalu illi normalment kien hemm proċess li jdum xi 14-il ġurnata u dan anke minħabba li kellhom isiru x-xogħolijiet miftehma fuq l-istess vettura. Qallu però illi l-intimata kienet ser tagħmel l-almu tagħha sabiex tlestilu l-vettura malajr kemm jista' jkun. Mangion iddikjara fl-istess affidavit li huwa spjega l-kontenut tal-ftehim lir-rikorrent u li dan fehmu u aċċettah u kien għalhekk li ffirma u imbagħad ħallas is-somma ta' € 1,020. Fir-rigward taż-żmien għall-konsenja, ix-xhud għamel aċċenn fl-affidavit tiegħu għall-klawsola 5.2 illi tgħid illi kwalsiasi dati ta' konsenja mogħtija mill-intimata kienu indikattivi u li l-intimata ma tistax tinżamm responsabbli għal dewmien fil-konsenja. Ix-xhud però stqarr illi ma kien hemm l-ebda dewmien f'dan il-każ tant illi l-karozza kienet lesta nhar l-Erbgħa 26 ta' Awwissu 2020 ossia ġimgħa u jumejn wara li ġie ffirmat il-ftehim. Huwa sostna illi r-rikorrent ma setax joħroġ mill-kuntratt għaliex l-intimata ma naqsitx mill-obbligazzjonijiet tagħha. Sadanittant il-vettura kienet għadha għandhom u r-rikorrent baqa' ma marx jiġborha.

9. In kontroeżami fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022[13] l-istess **Thorne Mangion** qal illi l-ftehim kien wieħed *standard* li joħroġ mis-sistema u li kien iddiskuta l-kontenut tiegħu mar-rikorrent. Għalkemm insista illi huwa u Luke Milton bdew ifehmuh biċċa biċċa l-kuntratt, ammetta ukoll li ma kienx jaf jitkellem bit-Taljan. Ikkonferma illi m'huwiex żball illi fil-kuntratt hemm imniżżel li minn kull pagament ta' € 160 dovut

---

[11] Fol 64H-64J
[12] Fol 55-56
[13] Fol 64A-64G

kull xahar, hemm l-ammont ta' € 76 dovut bħala *administration fees*. Mistoqsi x'kienu jirrappreżentaw dawn l-*administration fees* ix-xhud ma kienx jaf u sostna illi huwa kien jdaħħal il-prezz fis-sistema u din imbagħad kienet taqsamhomlu fix-xahar skond il-każ. Sostna illi qabel ma ġie ffirmat il-ftehim huwa kien spjega lir-rikorrent bil-klawsola rigward li l-intimata ma kienetx responsabbli għal difetti moħbija li jista' jkollha l-vettura. Qal ukoll illi huma kienu taw ċans lir-rikorrent sabiex jara l-affarijiet tiegħu bil-kwiet u dan filfatt seta' ħa l-kuntratt għand avukat u jaqlibulu fil-lingwa tiegħu u li huma ma kienux ser iwaqqfuh milli jagħmel dan.

**Kunsiderazzjoni**

10. Din hija azzjoni għar-rexissjoni tal-*hire purchase agreement* miftuħa mir-rikorrent bħala l-bejjiegħ fil-konfront tal-kumpanija intimata bħala l-venditur u dan abbażi tal-fatt li skond ir-rikorrent (i) il-kuntratt fih espressjonijiet projbiti u mhux ġusti skond l-Art. 44 u 45 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u li (ii) l-kuntratt ma' jistax jibqa' jeżisti mingħajr dawn l-espressjonijiet ai termini tal-Art. 46 tal-istess Kap. 378. Ir-rikorrent qed jitlob ukoll li wara li l-Qorti tiddikjara l-kuntratt rexiss, tordna lill-intimata tirrifondi lura l-ammont mħallas lilha mir-rikorrent.

11. L-intimata qabel xejn eċċepiet illi r-rikorrent irid iġib prova tal-allegat ftehim u li dan ġie konkluż bil-formalitajiet kollha meħtieġa mill-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tara illi matul il-kawża ż-żewġ partijiet qablu illi kien ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni fis-17 ta' Awwissu 2020 u allura din l-eċċezzjoni ċertament ftit għandha siwi fil-kuntest tad-difiża tal-intimata. Inoltre l-intimata tiċħad li l-kuntratt fih xi klawsoli projbiti/inġusti iżda mingħajr preġudizzju tgħid ukoll illi l-kuntratt jista' jibqa' jeżisti mingħajr tali iespressjonijiet projbiti/inġusti. Tgħid ukoll illi l-kawża ġiet miftuħa proprju għaliex ir-rikorrent reġa' bdielu dwar l-akkwist minkejja li l-vettura kienet lesta għall-konsenja qabel iż-żmien stipulat, u li r-rikorrent ried jerġa lura mill-kuntratt mingħajr ġustifikazzjoni legali.

12. Mill-provi jirriżulta ċar lill-Qorti illi r-rikorrent tabilħaqq kellu ripensament u li xtaq joħroġ mill-kuntratt wara li daħal għalih kemm minħabba li ma ħax il-vettura fiż-żmien li xtaq u kemm għaliex sab lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn kien marbut b'kuntratt li ma ġiex spjegat lilu. Dan joħroġ anke minn dak li xehed ir-rikorrent stess meta qal hekk:

> *"Io non ho in verita' mai visto una cambiala in vita mia e non so che cosa vuol dire se io firmo una cambiale e quando ho capito che cosa avevo firmato e che cosa stavo andando incontro subito ho chiesto aiuto ad un legale e per uscire da questo contratto perche' io volevo comprare una macchina ma non volevo firmare tutte quelle queste sembra come la mossa del diavolo…*[14]

[14] Fol 48F

*L'aggravazione e su tutto non solo sul tempo della macchina e su tutto quello che ci sta scritto in quelle pagine che non mi e' stato detto ed io per ignoranza ho firmato e sto chiedendo al Signor Giudice se c'e' un modo che me ne posso uscire da questa ..."*[15]

13. Hu x'inhu l-każ, u kien x'kien il-motiv tar-rikorrent wara r-ripensament tiegħu, jibqa' l-fatt illi l-Qorti qed tintalab tintervjeni abbażi ta' dak li jiddisponu l-Art. 44 *et. seq.* tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur rigward klawżoli projbiti jew inġusti, liema artikoli tal-liġi ma jirrikjedux eżami tal-animu tal-konsumatur jew tal-motiv tiegħu wara t-talba ta' rexissjoni.

**Kunsiderazzjoni dwar punti ta' liġi**

14. Għalkemm il-prinċipju kardinali li jirregola l-liġi tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-kuntratt għandu forza ta' liġi bejn il-partijiet li jagħmluh (Art. 992(1) tal-Kap. 16), li l-vinkolu kuntrattwali jrid jiġi rispettat u li l-volonta' tal-partijiet tipprevali (*pacta sunt servanda*), madanakollu dan il-prinċipju huwa suġġett għal xi eċċezzjonijiet fosthom f'dawk il-każijiet fejn il-leġislatur għaraf jintervjeni sabiex jipproteġi lill-konsumaturi f'kuntratti fejn ikun hemm żbilanċ sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet b'detriment għall-istess konsumaturi.

15. L-Art. 44 *et. seq.* tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur iddaħħlu fil-liġi Maltija permezz tal-Att XXVI tal-2000 (u sussegwentement permezz tal-emendi tal-Att XIV tal-2009) sabiex tiġi trasposta fil-liġi Maltija d-*Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur*. Din id-Direttiva tipprovdi *inter alia* kif ġej fl-Art. 3 sa 5 tagħha:

**Artikolu 3**

**1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.**

**2. Klawżola għandha dejjem tiġi kkunsidrata li ma tkunx ġiet innegozjat individwalment meta din tkun ġiet abbozzata minn qabel u l-konsumatur b'hekk ma jkunx seta' jinfluwenza s-sustanza tal-klawżola, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard imfassal minn qabel.**

**Il-fatt li ċerti aspetti ta' klawżola jew klawżola speċifika waħda tkun ġiet innegozjata individwalment m'għandux jeskludi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għall-bqija ta' kuntratt jekk stima globali tal-kuntratt tindika li dan ikun madankollu kuntratt standard ippreparat minn qabel.**

---

[15] Fol 48G

**Meta xi bejjiegħ jew fornitur jippretendi li klawżola standard ikun ġie nnegozjat b'mod individwali, il-piż tal-prova f'dan ir-rigward għandu jaqa' fuqu.**

**3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti.**

**Artikolu 4**

**1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu,**

**2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar.**

**Artikolu 5**

**Fil-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar. Fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta' klawżola, għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur. Din ir-regola dwar l-interpretazzjoni m'għandhiex tgħodd fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7(2).**

16. Fl-Avviż tal-Kummissjoni 2019/C 323/04 imsejjaħ "*Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur*" jingħad illi:

*"L-Artikolu 3(1) fih **<u>it-test ġenerali</u>** li bih trid tiġi vvalutata l-inġustizzja tal-klawżoli kuntrattwali użati mill-bejjiegħa jew mill-fornituri. Dan it-test ġenerali jrid ikun rifless fir-regoli tal-Istati Membri u jrid jiġi applikat mill-awtoritajiet tagħhom fuq bażi ta' każ b'każ meta jivvalutaw il-klawżoli individwali.*

*Minbarra t-test ġenerali fl-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(3) jirreferi għal Anness li fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' klawżoli kuntrattwali li jistgħu jitqiesu inġusti.*[16]

[16] Fil-Każ C-143/13 *Matei u Matei* l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja (Disa' Awla) irreferiet għal din il-lista bħala l-"lista griża" fis-sens illi l-klawżoli fl-Anness ma jitqiesux li huma inġusti awtomatikament imma jirrikjedu valutazzjoni mill-Qorti fid-dawl tal-kriterji elenkati fl-Art. 3(1) u 4 tad-Direttiva.

*Barra minn hekk, il-UCTD* (ossia' d-Direttiva) *fiha rekwiżiti dwar* ***it-trasparenza*** *għall-bejjiegħa jew għall-fornituri li jużaw klawżoli kuntrattwali mhux innegozjati individwalment. Dawn huma espressi fir-regoli li l-klawżoli kuntrattwali jridu jkunu (abbozzati) b'lingwa sempliċi u li tinftiehem (l-Artikoli 4(2) u 5 tal-UCTD) u fir-rekwiżit li l-konsumaturi jridu jingħataw l-opportunità vera li jsiru midħla tal-klawżoli kuntrattwali qabel il-konklużjoni tal-kuntratt (il-Punt 1(i) tal-Anness u l-Premessa 20).”*

17. Fil-liġi Maltija, kif sew ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **F (Advertising) Limited v. Joseph Borg** (deċiża 24/09/2019, Rik Nru 1237/12 TA), il-leġislatur għaraf japplika regoli iktar stringenti minn dawn elenkati fid-Direttiva stante illi fl-Art. 44(2) elenka l-lista ta' skopijiet jew effetti misjuba fl-Anness tad-Direttiva (u addirittura estenda l-lista) u poġġihom f'lista hekk msejjħa “sewda”. Sewda fis-sens illi darba jiġi stabbilit minn Qorti illi kuntratt ikun jinkludi xi espressjoni li jkollha wieħed mill-iskopijiet jew effetti imniżżla fis-subinċiżi (a) sa (ż) u (aa) sa (ċċ), dik l-espressjoni tkun kkunsidrata bħala waħda **pprojbita** awtomatikament u titqies bħallikieku qatt ma ddaħħlet fil-kuntratt **mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni fuq kemm hija ġusta jew le tali espressjoni** (l-hekk imsejjaħ *test ġenerali* taħt l-Art. 3(1) tad-Direttiva):

> **‘44.(1) Ma jistgħux jintużaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux ġusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux ġusti f'illij kollhom bħala skop jew effett xi wieħed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li tiddaħħal f'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet.**
>
> **(2) L-espressjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) jinkludue spressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li –**
>
> **(a) ....**
>
> **(ċċ)....'**

Imbagħad l-Art. 45 joħloq it-*test ġenerali* pprovdut taħt l-Art. 3(1) tad-Direttiva billi jagħti definizzjoni ta' espressjoni inġusta. Hawnhekk il-leġislatur jagħti l-hekk imsejjħa “lista griża” ta' espressjonijiet illi **b'kuntrarju għal dawk elenkati fl-Art. 44(2)** jirrikjedu evalwazzjoni minn Qorti sabiex jiġi determinat jekk humiex inġusti jew le:

> **‘45.(1) Espressjoni mhux ġusta tfisser espressjoni f'kuntratt li jsir mal-konsumatur, li sew waħidha sew f'rabta ma xi espressjoni waħda jew iktar, oħra –**
>
> **(a) toħloq żbilanċ sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kuntratt b'detriment tal-konsumatur; jew**
>
> **(b) tikkaġuna li t-twettiq tal-kuntratt ikun, b'mod mhux dovut, detrimentali għall-konsumatur; jew**

**(ċ) tikkaġuna li t-twettiq tal-kuntratt ikun, b'mod sinjifikanti, differenti minn dak li l-konsumatur jista'raġonevolment jistennih li jkun; jew**

**(d) tkun inkompatibbli ma' kull ħtieġa ta' bona fidi.**

**(2) Il-grad ta' kemm espressjoni ma tkunx waħda ġusta għandu jitqies skont kif ġej:**

**(a) ix-xorta tal-oġġetti jew tas-servizzi li dwarhom ikun sar il-kuntratt;**

**(b) iż-żmien meta jkun sar il-kuntratt; u**

**(ċ) iċ-ċirkostanzi kollha li jakkumpanjaw l-għemil tal-kuntratt u l-espressjonijiet l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jkun jiddependi fuqu. Dawk iċ-ċirkostanzi jistgħu wkoll jinkludu:**

**(i) kemm kull parti tkun taf tinnegozja;**

**(ii) jekk konsumatur kienx assoġġettat għal xi pressjoni mhux dovuta; u**

**(iii) jekk in-nuqqas ta' konoxxenza jew sengħa tal-konsumatur kienux ta' vantaġġ mhux dovut kontrih:**

**Iżda safejn hi miktuba b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibli li tista' tiftiehem, l-evalwazzjoni jekk espressjoni hijiex ġusta ma għandhiex tkun relatata –**

**(a) mat-tifsira tal-oġġett prinċipali tal-kuntratt, jew**

**(b) mal-adegwatezza tal-prezz jew rinumerazzjoni, meta mqabbla mal-oġġetti jew is-servizzi pprovduti għaliha**

**...'**

18. Ir-rekwiżiti ta' **<u>trasparenza</u>** elenkati fl-Art. 4(2) u 5 tad-Direttiva jinsabu imbagħad mdaħħla fil-liġi Maltija fl-Art. 47 u fl-Art. 44(2)(m) li jipprovdu kif ġej:

**'47.(1) F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uħud minnhom li jkunu offruti minn kummerċjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet għandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom.**

**(2) Meta xi espressjoni tkun ambivalenti jew ikun hemm xi dubbju dwar it-tifsira ta' xi espressjoni, għandha tipprevalixxi t-tifsira l-iktar favorevoli għall-konsumatur:**

**Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika għall-proċeduri miġjuba taħt l-artikolu 94'**

**'44.(2)(m) (Huma espressjonijiet projbiti dawk) li jkollhom l-iskop jew l-effett li ... irrevokabilment jorbtu lill-konsumatur b'pattijiet li ma kellu ebda opportunità reali li jifhem sew qabel ma jagħmel il-kuntratt'**

**Kunsiderazzjoni ulterjuri**

19. Ir-rikorrent qed jittenta japplika s-sudetti artikoli tal-liġi għall-fattispecji partikolari u konkreti tal-vertenza odjerna billi fost oħrajn jallega illi l-kuntratt fih kemm espressjonijiet awtomatikament projbiti taħt l-Art. 44(2) tal-Kap. 378 u kemm espressjonijiet li għandhom jitqiesu ukoll bħala projbiti stante illi huma inġusti taħt l-Art. 45 tal-istess liġi.

*Espressjonijiet projbiti taħt l-Art. 44(2)*

20. L-espressjonijiet li skond ir-rikorrenti huma preżenti fil-kuntratt u li għandhom wieħed mill-iskopijiet u effetti elenkati taħt l-Art. 44(2) huma s-segwenti:

1. **<u>Esklużjoni ġenerali tar-*responsabiltà tal-kummerċjant:*</u>**

   *Klawsola 6.3: ... The Hirer accordingly agrees that no express or implied condition-warranty or equivalent representation thereof as to the state, quality, descnption or otherwise of the Motor Vehicle has been or is being given or made by the Owner.*

   *Klawsola 6.4: Without prejudice to the provisions of this agreement, the parties agree that this hire-purchase is being made tale quale. The Owner hereby excludes any responsibility or warranty for latent defects, whether mechanical, electrical or otherwise, existing at the time of and following the date of this agreement. For this reason, the parties agree that any malfunction or damage to the Motor Vehicle and any related costs and expenses necessary for the maintenance and/or repair of such malfunction or damage, including costs for replacement of parts, shall be exclusively borne by the Hirer, who shall have no right of recourse against the Owner for the reimbursement of any such costs or expenses.*

   *Klawsola 3 (it-tieni waħda[17] ossia dik a fol 61): ... the Buyer declares that she shall assume sole responsibility for all risks of any kind for any loss or damage on the Vehicle.*

   *Klawsola 4 (it-tieni waħda ossia dik a fol 61): The Buyer hereby releases, waives, discharges and convenants not to sue the Seller, its officers, agents. and employees from any and all liability, claims, demands, actions and causes of action whatsoever arising out of or related to any loss, damage, or injury, including death, that may be sustained in relation to the Vehicle.*

   Ma jistax jitqies illi jkun jeżisti bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali u legali tal-kummerċjant u tal-konsumatur jekk il-konsumatur jiġi espressament eskluż milli jeżerċita d-drittijiet jew rimedji tiegħu. Il-Qorti tqis illi jgħid x'jgħid il-kuntratt anke jekk oġġett ikun ser jinbiegħ *second hand* il-bejjiegħ xorta waħda huwa tenut li jissodisfa ċertu obbligazzjonijiet fosthom dawk illi jirriżultaw taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Fost affarijiet oħra per eżempju il-bejjiegħ irid jiżgura illi l-oġġett mibjugħ jkun konformi

---

[17] Jeżistu żewġ klawsoli li jġorru n-numru tlieta (3).

mal-kuntratt tal-bejgħ, ikun adattat għall-iskopijiet li għalihom normalment jintuża u jkun ta' kwalità sodisfaċenti jew raġjonevoli.[18] Inoltre' il-bejjiegħ qua prodottur irid jirrispondi għall-ħsara għal kollox jew f'parti kaġunata b'xi difett fil-prodott tiegħu inkluż danni kaġunati bil-mewt jew korriment tal-persuna li tuża l-istess prodott.[19] Kif sew qal ir-rikorrent, il-klawżoli fuq indikati jinkwadraw ruħhom perfettament taħt l-Art. 44(2)(a)[20], (c)[21] u (y)[22] tal-Kap. 378 billi jeskludu r-responsabbiltà tal-intimata inkluż dik tal-impjegati tagħha b'mod ġenerali, jeskludu r-rimedji disponibbli għar-rikorrent fil-każ tal-inadempjenza tal-intimata u saħansitra jeskludu ir-responsabbiltà legali tal-intimata fil-każ ta' mewt jew korriment li jirriżultaw b'tort tal-intimata.

Kif fuq ingħad dawn il-klawżoli huma meqjusa projbiti awtomatikament u għalhekk għandhom jitqiesu bħallikieku qatt ma ddaħħlu fil-kuntratt in kwistjoni.

Per di piu' il-Qorti żżid illi l-użu ta' dawn il-klawżoli jistgħu iwasslu illi jqarrqu bil-konsumatur dwar id-drittijiet statutorji tiegħu u b'hekk jistgħu ukoll jaqgħu taħt prattiċi kummerċjali mhux ġusti ai termini tal-Art. 48 *et. seq.* tal-istess liġi.

2. **<u>Dritt tal-kummerċjant li jxolji jew jerġa' lura mill-ftehim fuq bażi diskrezzjonali meta l-istess faċilita' ma tingħatax lill-konsumatur jew dritt tal-kummerċjant illi jxolji l-ftehim u jitlob ħlas tal-bilanċ sħiħ għal servizzi li ma jkunux għadhom ingħataw minnu</u>**

*Klawsola 3: ... "No Deposit Cars Malta Ltd reserves the right to unilaterally terminate only this part of the agreement (i.e. part exchange) and consider it as null and void if it transpires thut any of the above conditions is/are not met, in which case the BUYER/SELLER will become a debtor towards No Deposit Cars Malta Ltd for the value stated above which value is hereby being declared as certain, liquid and due to the SELLER who will have the right to return this vehicle tale quale.*

[18] Art. 73(1)(2) tal-Kap. 378
[19] Art. 56 *et. seq.* tal-Kap. 378
[20] Art. 44(2)(a) Espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li jeskludu jew jillimitaw ir-responsabbiltà ta'kummerċjant minħabba fil-frodi jew in-negliġenza gravi tiegħu nnifsu jew dik tal-impjegati jew l-aġenti tiegħu, jew minħabba f'xi nuqqas li jwettaq xi obbligazzjoni li tkun tikkostitwixxi xi wieħed mill-elementi fundamentali tal-kuntratt.
[21] Art. 44(2)(c) Espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali ta' konsumatur kontra l-kummerċjant fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta' twettiq inadegwat mill-kummerċjant ta' xi waħda mill-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu
[22] Art. 44(2)(y) Espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li jeskludu jew jillimitaw ir-responsabbiltà legali ta' kummerċjant jew fornitur fil-każ li konsumatur imut jew ikorri, liema mewt jew korriment jirriżulta minn att jew omissjoni ta' dak il-kummerċjant jew fornitur

Il-Qorti sejra tinjora din il-klawsola 3 tal-ftehim stante li f'dan il-każ ma kienx hemm bejgħ b'permuta u għalhekk tali klawsola ma tapplikax għat-transazzjoni li seħħet bejn il-partijiet. Naturalment, il-fatt illi tkun tħalliet klawżola inapplikabbli f'kuntratt jista' jwassal għal sejbien ta' ambigwita' – xi ħaġa li sejra tiġi ttrattata iktar 'l quddiem.

*Klawsola 8.2: The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment ... within thirty (30) days ... this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub-clause. without prejudice to any charges, fees and interest accrued.*

*Klawsola 8.6: The parties further agree that if the Hirer is bankrupt, insolvent or unable to pay its debt(s) in terms of law. or if the Hirer is being or has been dissolved, liquidated or wound up whether voluntarily or otherwise, or if the Owner reasonably suspects that any of the aforementioned events are about to occur, the Owner shall be entitled to terminate this agreement and resume immediate possession of the Motor Vehicle upon demand, saving any claim for any outstanding balance, charges, fees, damages and interest accrued in terms of this agreement The provisions of sub-clause 8.3 shall also apply.*

Il-Qorti tqis illi l-ekwita' u l-ġustizzja jitolbu li l-kummerċjant u l-konsumatur ikollhom l-istess drittijiet fir-rigward tat-terminazzjoni u/jew kanċellazzjoni tal-kuntratt. Id-drittijiet tal-kummerċjant f'dan ir-rigward m'għandhomx ikunu eċċessivi u d-drittijiet tal-konsumatur m'għandhomx ikunu ristretti mingħajr ġustifikazzjoni. Issa fil-klawżoli 8.6 fuq ċitata ma jidhirx illi l-intimata rriservat għaliha d-dritt arbitrarju li tittermina l-kuntratt mingħajr ebda raġuni jew inkella għal raġunijiet li ma jitqiesux materjalment importanti. Filfatt id-dritt ta' terminazzjoni taħt il-klawżola 8.6 jiskatta meta u jekk ir-rikorrent ifalli u/jew jieqaf iħallas id-djun tiegħu jew meta l-intimata jkollha suspett raġjonevoli dwar dan. Mhux l-istess jista' jingħad għal klawżola 8.2 peress illi din tipprospetta d-dritt unilaterali ta' terminazzjoni spettanti lill-intimata meta u jekk ir-rikorrent ma jħallas l-ammont totali fi żmien tletin ġurnata **inkluż meta ai termini tal-klawżola 8.1.3 dan ikun kiser kwalsiasi obbligazzjoni taħt il-kuntratt**. Hawnhekk d-dritt ta' terminazzjoni marbut mad-dritt tal-intimata li titlob il-ħlas immedjat tal-bilanċ sħiħ huwa wisq miftuħ u arbitrarju u ċertament joħloq żbilanċ inġustifikabbli favur il-kummerċjant b'detriment għall-konsumatur.

*Klawsola 8.8: The Hirer is expressly prohibited from unilaterally withdrawing from this agreement and it shall be at the Owner's utmost discretion to terminate this agreement upon demand of the Hirer, saving the Owner's right to claim any outstanding balance, charges, fees. damages and interest accrued in terms of this agreement.*

Il-Qorti tikkunsidra din il-klawsola bħala li tirrestrinġi mingħajr ebda ġustifikazzjoni d-drittijiet li jista' jkollu l-konsumatur illi jittermina l-kuntratt, per eżempju fil-każ ta' inadempjenza min-naħa tal-kummerċjant, u dan billi tħalli din it-terminazzjoni għad-diskrezzjoni assoluta tal-istess kummerċjant apparti li tagħti d-dritt lill-istess kummerċjant illi jitlob il-ħlas tal-bilanċ (minkejja possibbilment illi l-vettura tkun ittieħdet lura Tali klawżola (flimkien ma' klawżola 8.2) ukoll għalhekk taqa' perfettament taħt il-lista s-sewda tal-Art. 44(2), senjatament taħt is-subinċiż (k)[23] u (ż)[24].

3. **<u>Obbligu fuq il-konsumatur li jħallas kumpens sproporzjonat f'każ ta' inadempjenza.</u>**

*Klawsola 3.2: It is the hirer's responsibility to check on a regularly basis with local councils for any fines incurred on the vehicle and should these not be paid, they will double at the buyers cost. No Deposit Cars LTD is not responsible to inform buyer of any fines incurred but at any time, has the right to request the amount of fines from the buyer*

*Klawsola 8.4: The parties agree that if the Hirer refuses or otherwise impedes the physical retrieval of the Motor Vehicle by the Owner as explained in the foregoing sub-clause, the Hirer shall be liable to pay the Owner a daily penalty of twenty-five Euro (€25) which shall run from the second (2nd) calendar day following the day of demand in accordance with clause 8 1. 3. These penalties shall be without prejudice to the Owner's rights in accordance with the foregoing sub-clauses.*

Fil-fehma tar-rikorrent dawn il-klawżoli jaqgħu taħt l-Art. 44(2)(h) tal-Kap. 378 fis-sens illi għandhom l-iskop jew l-effett illi jistabbilixxu l-kumpens li għandu jitħallas minn konsumatur li jkun naqas li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu, mingħajr ma jipprovdu għal kumpens daqsinsew mill-kummerċjant li jkun naqas mill-istess ħaġa. Il-Qorti ma taqbilx peress illi hawnhekk mhux il-każ li l-kummerċjant jista' qatt jonqos "mill-istess ħaġa". Madanakollu l-Qorti tqis illi l-istess klawżoli ċitati jaqgħu taħt l-Art. 44(2)(g) tal-Kap. 378 peress illi jimponu fuq il-konsumatur li jkun inadempjenti li jħallas

[23] Art. 44(2)(k) Espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li jipprojbixxu lill-konsumatur milli jikseb it-tħassir tal-kuntratt jekk il-kummerċjant jonqos milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu.
[24] Art. 44(2)(ż) Espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li awtorizzaw lill-kummerċjant jew lill-fornitur ixolji l-kuntratt fuq bażi diskrezzjonali meta l-istess faċilità ma tingħatax lill-konsumatur, jew jippermettu lill-kummerċjant jew lill-fornitur li jżomm is-somom imħallsa għal servizzi li jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti minnu fil-każ li jkun il-kummerċjant jew il-fornitur innifsu li jxolji l-kuntratt.

b'kumpens f'ammont li huwa sproporzjonatament għoli ħdejn il-valur tal-oġġett mixtri jew servizz akkwistat. Ċertament huwa arbitrarju u irraġjonevoli illi multa għal kontravvenzjoni kommessa waqt l-użu tal-vettura tirdoppja meta din ma titħallasx fil-ħin u daqstant ieħor hija irraġjonevoli u sproporzjonata l-penali ta' € 25 għal kull ġurnata illi l-intimata tkun impedita milli tieħu lura l-pussess tal-vettura (partikularment f'ċirkustanzi fejn tkun addirritura tħallset ukoll parti sostanzjali mill-prezz tagħha!). Il-Qorti tara li hemm klawżoli oħra fil-kuntratt li jimponu fuq il-konsumatur l-obbligu li jagħti kumpens sproporzjonat. Hekk pereżempju skond klawżola 2.9:

*Klawsola 2.9: The hirer agrees that there is a 7 day payment grace period to make payment for the monthly instalments. After this 7 day period. should the hirer fail to pay the monthly instalment, a 25Euro per day late penalty fee will be added to the initial loan and before the late payments are paid at the end of the agreement, the vehicle cannot be transferred onto the hirers name*

Penali ta' din ix-xorta apparti li hija sproporzjonata b'mod grossolan hija ukoll potenzjalment illegali peress li jekk obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha għandhom jikkonsistu **biss** fl-imgħaxijiet fuq is-somma bir-rata ta' 8% fis-sena. [25]

Hekk ukoll il-klawżola 2.10 li timponi obbligu fuq il-konsumatur illi jħallas € 23 għal kull telefonata li l-kummerċjant jagħmel sabiex jitlob il-ħlas minnu f'każ ta' inadempjenza. Din il-klawżola hija eżempju ieħor kważi straordinarju tan-nuqqas ta' proporzjon fl-għoti ta' kumpens mill-konsumatur.

4. **Rabta rrevokabbli lill-konsumatur b'pattijiet li ma jkunx ingħata opportunità reali li jifhem sew qabel ma jagħmel il-kuntratt**

Fl-Avviż tal-Kummissjoni 2019/C 323/04 imsejjaħ "*Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur*" jingħad *inter alia* illi:

"Under the UCTD, transparency requirements have three functions:

- According to Article 5, second sentence, contract terms that are not drafted in plain, intelligible language have to be interpreted in favour of the consumer.

---

[25] Art. 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta

- Under Article 4(2), the main subject matter or the adequacy of the price and remuneration set out in the contract are subject to an assessment under Article 3(1) only insofar as such terms are not in plain intelligible language.
- Failure to meet the transparency requirements can be an element in the assessment of the unfairness of a given contract term and **can even indicate unfairness**."

Issa kif diġà ngħad iktar 'l fuq dawn ir-rekwiżiti ta' trasparenza ġew trasposti fil-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta kemm *ad hoc* permezz tal-Art. 47[26] u kemm fil-lista s-sewda tal-Art. 44(2) fejn hemm imniżżel fis-subinċiż (m) illi huma espressjonijiet projbiti dawk li jkollhom l-iskop jew l-effett li irrevokabilment jorbtu lill-konsumatur b'pattijiet li ma kellu ebda opportunità reali li jifhem sew qabel ma jagħmel il-kuntratt.

Fil-każ *de quo*, kif ammetta r-rappreżentant tal-kumpanija intimata **Thorne Mangion**, il-kuntratt huwa wieħed *standard* ibbażat fuq *template* li jintuża għal klijenti oħra tal-kumpanija. L-istess rappreżentant saħaq fix-xhieda tiegħu illi kif jagħmel is-soltu huwa spjega l-kontenut tal-ftehim lir-rikorrent fejn anke beda ifehmu bil-lingwa Taljana (flimkien ma' Luke Milton). Sa anke stqarr illi "meta waslu f' Section 5 tal-ftehim" huwa tkellem mar-rikorrent fuq meta kienet sejra tiġi kkonsenjata l-vettura. L-intendiment ta' dan id-diskors *in parte* kien sabiex jintwera illi d-diriġenti tal-intimata bdew jispjegaw il-kontenut tal-kuntratt bil-mod u klawżola b'klawżola lill-istess rikorrent. In kontroeżami però l-istess xhud ammetta li ma kienx jifhem bil-lingwa Taljana. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu għamilha ċara illi lilu ħadd ma kien spjegalu xejn u li filfatt induna bis-serjeta' ta' ċertu klawżoli u bil-konsegwenzi legali li seta' jsofri, wara l-iffirmar tal-istess kuntratt.

Il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju, kemm mill-komportament tar-rappreżentanti tal-kumpanija intimata fuq il-pedana tax-xhieda, kemm mid-diskrepanzi bejn ix-xhieda tagħhom mogħtija bl-affidavit u in kontroeżami u kemm mill-ambigwita' u żbalji f'numru ta' klawżoli, illi l-kuntratt ġie mgħoddi lir-rikorrent sabiex jiffirmah mingħajr ma kienu saru xi forma ta' negozjati fuqu, mingħajr ma ġie moqri lilu u mingħajr ma

---

[26] Art. 47(1) F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uħud minnhom li jkunu offruti minn kummerċjant lil konsumatur jkunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet għandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelliġibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom. (2) Meta xi espressjoni tkun ambivalenti jew ikun hemm xi dubbju dwar it-tifsira ta' xi espressjoni, għandha tipprevalixxi t-tifsira l-iktar favorevoli għall-konsumatur: Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika għall-proċeduri miġjuba taħt l-artikolu 94

dan ingħata ċ-ċans illi jifhem sew il-konsegwenza ta’ dak li kien ser jiffirma.

Hekk pereżempju kien kruċjali illi jiġi spjegat lir-rikorrent x’jiġri jekk huwa ma jonorax l-ħlas ta’ xi waħda mill-kambjali u li dan huma meqjusa, f’għajnejn il-liġi, bħala ġuridikament distinti min-negozju li jkun wassal għall-ħruġ tagħhom. Daqstant ieħor kien kruċjali li jiġi mgħarraf ir-rikorrent bin-nuqqas assolut tar-rimedji disponibbli għalih f’każ ta’ inadempjenza min-naħa tal-kumpanija intimata, bin-nuqqas assolut ta’ garanziji tal-oġġett mibjugħ u bl-ammonti eżorbitanti li jkun tenut iħallas bħala kumpens f’ċertu każijiet ta’ inadempjenza min-naħa tiegħu. Mhux talli hekk, talli l-kuntratt f’ċertu partijiet tiegħu saħansitra jikkontempla li saru xi affarijiet importanti li sussegwentement mix-xhieda rriżulta li ma sarux! Per eżempju l-Klawżola 2 (it-tieni Klawżola 2 u mhux l-ewwel waħda!) tindika illi l-konsumatur **<u>ġie infurmat</u>** illi l-vettura kienet fil-passat involuta f’inċident, li kien qed jaċċetta b’mod irrevokabbli kwalsiasi difetti fil-vettura u li inoltre il-vettura ttieħdet għand *mechanic* magħżul mir-rikorrent sabiex jingħata parir fuqha. Mix-xhieda rriżulta illi la qatt ngħatat din l-informazzjoni fuq xi inċidenti passati u lanqas ma ttieħedet għand *mechanic* qabel ma ġiet ffirmat il-kuntratt.

Naturalment il-Qorti ma twielditx il-bieraħ u taf illi kien hemm raġuni għala id-diriġenti tal-kumpanija intimata ma spjegawx dawn il-klawżoli lir-rikorrent qabel ma ġie biex jiffirma u r-raġuni kienet proprju dik illi **<u>li kieku r-rikorrent kien jaf għal xiex sejjer jiffirma dan żgur kien jirrifjuta li jagħmel hekk u jparpar ‘l barra!</u>**

*Espressjonijiet inġusti taħt l-Art. 45*

21. Ir-rikorrent jisħaq ukoll illi l-kuntratt jinkludi fih espressjonijiet inġusti taħt l-Art. 45 tal-Kap. 378. Il-Qorti diġà qieset li hemm diversi klawżoli fil-kuntratt li huma awtomatikament meqjusa bħala projbiti għaliex jaqgħu taħt l-Art. 44(2). M’hemmx dubbju li dawn l-istess klawżoli joħolqu żbilanċ sinjifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet b’detriment għall-konsumatur u għalhekk, kieku ma’ kienux jaqgħu taħt l-Art. 44(2) kienu ċertament jaqgħu taħt l-Art. 45 tal-istess Att.

22. Apparti tali klawżoli però l-Qorti tqis illi hemm espressjonijiet oħra li jistgħu jitqiesu bħala inġusti taħt l-Art. 45. Eżempju ta’ dan huwa n-nuqqas ta’ trasparenza fir-rigward tal-prezz tal-vettura flimkien mal-ambigwita’ tal-lingwaġġ tal-kuntratt.

    Skond il-proviso tal-Art. 45(2) safejn l-espressjoni tkun miktuba b’lingwa kif ordinarjament mitkellem u intelliġibbli li jista’ tiftiehem, l-evalwazzjoni jekk espressjoni hijiex ġusta jew le ma għandhiex tkun relatata ma kemm huwa adegwat il-prezz meta imqabbel mal-oġġett mixtri.

Issa ibda biex fil-każ in deżamina għalkemm il-prezz tal-vettura huwa ddikjarat bħala € 9,800 fi klawżola 2.1, madanakollu fil-bqija tal-kuntratt l-prezz huwa mniżżel bħala € 9,600 u filfatt it-total tal-pagamenti kontemplati fl-istess kuntratt huwa ekwivalenti għas-somma ta' € 9,600. Inoltre' u iżjed importanti minn hekk, mill-ammont tal-pagament ta' € 160 dovut kull xahar, kważi nofs l-ammont (ċioe € 76) huwa dovut għall-hekk imsejjħa *"bill of exchange and administrative fees"*. Meta x-xhud **Thorne Mangion** ġie mistoqsi mill-Qorti x'kienu jirrappreżentaw dawn l-*administration fees* ix-xhud ma kienx jaf u sostna illi huwa kien jdaħħal il-prezz fis-sistema u din imbagħad kienet taqsamhomlu fix-xahar skond il-każ.

Għalhekk mill-prezz ta' € 9,600, il-valur reali tal-vettura huwa dak ta' € 5,100 bil-bqija ikunu dovuti għal *bill of exchange and administrative fees* li ma tistax tagħti spjegazzjoni tagħhom il-kumpanija intimata. Effettivament dan jista' ifisser ukoll illi l-ammont ta' *"fees"* ta' € 4,500 m'huwa xejn ħlief kelma oħra sabiex tiġi oskurata rata ta' imgħaxijiet li tiżboq bil-wisq ir-rata permissibbli mill-liġi u dan minkejja li fir-*repayment schedule* anness mal-kuntratt[27] hemm indikat li l-ħlasijiet isiru mingħajr imgħaxijiet!

23. Hemm imbagħad il-kwistjoni tal-ambigwita' tat-termini tal-kuntratt li tolqot ukoll ir-rekwiżit tat-trasparenza elenkat fid-Direttiva. Apparti dak li diġà ġie msemmi fir-rigward tal-prezz, il-kuntratt fih diversi "żbalji" oħra li b'mod intenzjonali jew le jagħmluh ambigwu u f'ċertu każijiet mhux intelliġibbli fosthom: (i) in-numerazzjoni skorretta bejn klawżola 8.8 u klawżola 9 b'dan illi hemm żewġ settijiet ta' klawżoli li jġorru n-numru 1 sa 4, (ii) il-valuri u s-sommom skorretti indikati fil-klawżoli 2.2.1 – 2.2.4 li fost affarijiet oħra jindikaw illi l-vettura hija valutata għal € 0 u li x-xerrej ma ħallas l-ebda depożitu għal-vettura (meta fil-verita' ġie ppruvat li r-rikorrent ħallas is-somma ta' € 1,020 mal-iffirmar tal-kuntratt), (iii) klawżoli li mhumiex applikabbli fosthom il-klawżola numru 3 (l-ewwel waħda) fejn hemm indikat illi vettura qed tingħata permezz ta' tpartit, u (iv) klawżoli li jikkontemplaw l-impossibilita' fosthom il-klawżoli numru 3 (l-ewwel waħda) u l-klawżola numru 10, li jagħmluha ċara b'ċertu solennità illi l-kuntratt huwa suġġett mhux biss għall-liġijiet ta' Malta, l-Italja, Spanja, Franza, l-Ġermanja u r-Renju Unit iżda inoltre huwa suġġett ukoll għall-bqija tal-pajjiżi membri tal-UE u anke dawk li mhumiex membri! Tabilħaqq kellu biċċa xogħol iebsa min ħa ħsieb jabbozza l-kuntratt peress illi kien jeħtiġielu idur id-dinja sabiex jaċċerta ruħu illi ffamiljarizza ruħu biżżejjed u tgħallem dwar il-liġijiet tal-pajjiżi kollha!

24. Fl-aħħar u ċertament mhux l-inqas, eżempju ċar ieħor ta' klawżola inġusta taħt l-Art. 45 tal-Att hija dik misjuba fi Klawżola 8.1.3 u 8.2 li tagħti d-dritt lill-intimata illi f'każ ta' ksur ta' **kwalunkwe** kundizzjoni tal-ftehim mir-rikorrent, titlob mhux biss il-ħlas

---

[27] Fol 8 u 9

immedjat tal-bilanċ (flimkien ma imgħaxijiet, *other fees and charges* u spejjeż legali) iżda inoltre f'każ illi l-ħlas ta' dan il-bilanċ ma jsirx fi żmien 30 ġurnata, l-intimata tkun intitolata tittermina l-ftehim, tieħu lura b'mod immedjat l-vettura u titlob il-ħlas tad-danni.

*L-effett tas-sejbien minn Qorti ta' espressjonijiet projbiti u/jew inġusti*

25. Kif ġa ngħad, skond l-Art. 44(1) kull espressjoni pprojbita jew inġusta li tiddaħħal f'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet. Inoltre skond l-Art. 6(1) tad-Direttiva:

> **'6.1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt <u>għandu jkompli jorbot</u> lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti.'**

26. Dan l-artikolu tad-direttiva ġie traspost b'dan il-mod fl-Art. 46 tal-Att:

> **'46. Kuntratt li jsir mal-konsumatur li jkun jinkludi xi espressjonijiet projbiti jew mhux ġusti ma jkunx jorbot lill-konsumatur kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx jista' jibqa' jeżisti mingħajr dik l-espressjoni mhux ġusta'**

27. Il-kliem użat fl-Art. 46 jista' jagħti l-impressjoni li l-leġislatur ried bħala regola ġenerali li kuntratt li jkun milqut b'espressjonijiet projbiti/inġusti jkun meqjus bla effett u li l-kontinwita' tiegħu hija biss l-eċċezzjoni. Madanakollu id-disposizzjoni tal-Art 6.1 tad-Direttiva u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ftit iħallu dubbju illi bħala regola u safejn dan huwa possibbli, l-kuntratt għandu jitħalla fis-seħħ u dan mingħajr ma l-Qorti tipprova ssewwi dawk l-espressjonijiet billi tagħmel xi emendi.

28. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja rriteniet kemm il-darba illi:

> *"in accordance with Article 6(1) of Directive 93/13, national courts are merely required to refrain from applying an unfair contractual term in order that it may not produce binding effects with regard to the consumer, **<u>without being empowered to revise the content of that term</u>**. **<u>That contract must continue in existence</u>**, in principle, without any amendment other than that resulting from the deletion of the unfair terms, in so far as, in accordance with the rules of domestic law, such continuity of the contract is legally possible"*[28]

---

[28] Ara l-Każijiet C-96/16 u C-94/17 Banco Santander Escobedo Cortés, Każ C-618/10 Banco Español de Crédito, Każ C-488/11 Asbeek Brusse; Każ C-26/13 Kásler u Káslerné Rábai, Każijiet C-482/13, C-484/13, C-485/13 u C-487/13 Unicaja Banco y Caixabank, Każ C-421/14 Banco Primus u l-Każijiet C-154/15, C-307/15 u C-308/15 Gutierrez Naranjo.

29. Fl-Avviż tal-Kummissjoni 2019/C 323/04 imsejjaħ "*Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur*" jingħad illi:

"*Whether the continuity of the contract is possible without the unfair term requires a 'legal assessment under the applicable national law. This implies a case-by-case analysis as to whether the contract can, legally or technically, be performed without the unfair contract term. Therefore, the assessment cannot be based on purely economic considerations. The examination as to whether the contract can continue in existence has to be objective, i.e. it cannot be based on the interests of only one party.*

*This will entail that it should not matter whether the seller or supplier would not have concluded the contract without the unfair term or whether the deletion of the term renders the contract less attractive from an economic point of view.*

*A contract cannot be performed, i.e. 'cannot continue in existence', if a term defining its main subject matter or a term that is essential for the calculation of the remuneration to be paid by the consumer is removed.*"

30. Issa f'dan il-każ, fost il-klawżoli meqjusa projbiti u/jew inġusti hemm dawk li jikkonċernaw direttament kemm il-valur tal-vettura u kemm il-ħlas tal-pagamenti dovuti (u l-mod ta' kif dawn ġew maħduma). Għalhekk huwa bil-wisq ovvju illi mingħajr dawn il-klawżoli l-kuntratt ma jistax jibqa' fis-seħħ. Fis-sew però l-Qorti tistqarr bla tlaqliq illi l-kuntratt b'mod ġenerali huwa wieħed kważi dijaboliku, mifni bi klawżoli projbiti u/jew inġusti li jneżżgħu lill-konsumatur minn kull dinjita' u tabilħaqq għandu s-sura ta' *case example* li jista' jintuża b'mod akkademiku ta' kif kuntratt bejn kummerċjant u konsumatur **<u>m'għandux ikun</u>** fid-dawl tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva u tal-Att. Dan kollu jagħmilha impossibbli li l-kuntratt jibqa' fis-seħħ.

31. Bħala konsegwenza għalhekk il-partijiet għandhom jirrivertu lura għall-posizzjoni li kienu qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt u l-intimata għandha tirrifondi lura s-somma mħallsa lilha mir-rikorrent fl-ammont ta' € 1,020

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija intimata u tilqa t-talbiet tar-rikorrent billi:**

1. **tiddikjara illi l-kuntratt ta' *hire and purchase* milħuq bejn il-partijiet datat 17 ta' Awwissu 2020 jikkontjeni għad ta' espressjonijiet projbiti u/jew inġusti ai termini tal-Art. 44(2) u 45 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **tiddikjara illi l-istess kuntratt ma' jistax jibqa' jeżisti mingħajr dawn il-kundizzjonijiet ai termini tal-Art. 46 tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tiddikjara rexiss u xolt l-istess kuntratt;**

3. **tordna lill-kumpanija intimata tirrifondi lura lir-rikorrent l-ammont imħallas lilha bħala parti mill-kundizzjonijiet kuntrattwali u ċioe l-ammont ta' € 1,020.**

**Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |